Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B ►C1 **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 793/2006**

tat-12 ta' April 2006

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 247/2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod tal-Unjoni ◄

(ĠU L 348M, 31.3.2009, p. 516)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 852/2006 tad-9 ta' Ġunju 2006	L 330M	309	9.12.2008
►M2	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1242/2007 ta' l-24 ta' Ottubru 2007	L 281	5	25.10.2007
►M3	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 408/2009 tat-18 ta' Mejju 2009	L 123	62	19.5.2009
►M4	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1112/2010 tal-1 ta' Diċembru 2010	L 316	1	2.12.2010
►M5	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 666/2012 tal-20 ta' Lulju 2012	L 194	3	21.7.2012

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 84M, 24.12.2008, p. 516 (793/2006)

▼B
▼C1

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 793/2006

tat-12 ta' April 2006

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 247/2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod tal-Unjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25 tiegħu,

Billi:

(1) Minħabba l-bidliet introdotti mir-Regolament (KE) 247/2006 u l-esperjenza miksuba, u fl-interessi tas-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni, ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 388/92 ([2]), (KEE) Nru 2174/92 ([3]), (KEE) Nru 2233/92 ([4]), (KEE) Nru 2234/92 ([5]), (KEE) Nru 2235/92 ([6]), (KEE) Nru 2039/93 ([7]), (KEE) Nru 2040/93 ([8]), (KE) Nru 1418/96 ([9]), (KE) Nru 2054/96 ([10]), (KE) Nru 20/2002 ([11]), (KE) Nru 1195/2002 ([12]), (KE) Nru 43/2003 ([13]), (KE) Nru 995/2003 ([14]), (KE) Nru 14/2004 ([15]) u (KE) Nru 188/2005 ([16]) għandhom jiġu revokati u sostitwiti minn Regolament wieħed li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 247/2006.

(2) Għandhom jiġu stabbiliti regoli implimentattivi dettaljati għall-preparazzjoni u l-emendar tal-bilanċi mbassra tal-provvista għall-prodotti eliġibbli taħt l-arranġamenti speċifiċi tal-provvista.

(3) Ċerti prodotti agrikoli li huma eżentati mid-dazju fuq l-importazzjoni jeħtieġu liċenzja tal-importazzjoni. Fl-interessi tas-simplifikazzjoni amministrattiva, il-liċenzja tal-importazzjoni għandha tiġi wżata biex issostni l-arranġamenti għall-eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni.

([1]) ĠU L 42, 14.2.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 43, 19.2.1992, p. 16. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1526/2001 (ĠU L 202, 27.7.2001, p. 6).
([3]) ĠU L 217, 31.7.1992, p. 64. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1802/95 (ĠU L 174, 26.7.1995, p. 27).
([4]) ĠU L 218, 1.8.1992, p. 100. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1802/95.
([5]) ĠU L 218, 1.8.1992, p. 102. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1194/2002 (ĠU L 174, 4.7.2002, p. 9).
([6]) ĠU L 218, 1.8.1992, p. 105. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1742/2004 (ĠU L 311, 8.10.2004, p. 18).
([7]) ĠU L 185, 28.7.1993, p. 9.
([8]) ĠU L 185, 28.7.1993, p. 10.
([9]) ĠU L 182, 23.7.1996, p. 9.
([10]) ĠU L 280, 31.10.1996, p. 1.
([11]) ĠU L 8, 11.1.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 127/2005 (ĠU L 25, 28.1.2005, p. 12).
([12]) ĠU L 174, 4.7.2002, p. 11.
([13]) ĠU L 7, 11.1.2003, p. 25. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 261/2005 (ĠU L 46, 17.2.2005, p. 34).
([14]) ĠU L 144, 12.6.2003, p. 3.
([15]) ĠU L 3, 7.1.2004, p. 6. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2022/2005 (ĠU L 326, 13.12.2005, p. 3).
([16]) ĠU L 31, 4.2.2005, p. 6.

▼C1

(4) Għandu jiġi addottat ukoll document li jsostni l-arranġament għall-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjonijiet għal prodotti oħra agrikoli li ma jeħtiġux liċenzja tal-importazzjoni. Għal dan il-għan għandu jiġi użat ċertifikat tal-eżenzjoni, ippreparat fuq il-formula tal-liċenzja tal-importazzjoni.

(5) Għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati għall-iffissar tal-ammont ta' għajnuna għall-provvista ta' prodotti taħt l-arranġamenti speċifiċi tal-provvista. Dawn ir-regoli għandhom jikkunsidraw l-ispejjeż addizzjonali tal-provvista għar-reġjuni l-aktar 'il bogħod minħabba n-natura remota u insulari tagħhom, li tikkostitwixxi piż li jiżvantaġġahom ħafna. Sabiex tinżamm il-kompetittività tal-prodotti tal-Komunità, din l-għajnuna għandha tikkunsidra l-prezzijiet applikati fuq l-esportazzjonijiet.

(6) L-iskema tal-għajnuna għall-prodotti tal-Komunità għandha tiġi ġestita permezz ta' ċertifikat, imsejjaħ "iċ-ċertifikat tal-għajnuna", bl-użu tal-formula tal-liċenzja tal-importazzjoni.

(7) Il-ġestjoni tal-arranġamenti speċifiċi tal-provvisti teħtieġ l-introduzzjoni ta' regoli dettaljati fuq il-ħruġ taċ-ċertifikat tal-għajnuna, li jidderogaw mir-regoli normali applikabbli fuq il-liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 tad-9 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u ċ-ċertifikatti tal-iffissar bil-quddiem għall-prodotti agrikoli ([1]).

(8) Il-ġestjoni tal-arranġamenti speċifiċi tal-provvisti għandha tippermetti li jiġu segwiti żewġ għanijiet. L-ewwel, għandha tippromwovi l-ħruġ rapidu tal-liċenzji u ċ-ċertifikati, b'mod partikolari billi ma tkunx meħtieġa li tiġi preżentata garanzija minn qabel fil-każijiet kollha, u l-ħlas rapidu tal-għajnuna għall-provvista tal-prodotti tal-Komunità. It-tieni, għandha tiggarantixxi l-kontroll u l-monitoraġġ tal-operazzjonijiet u tipprovdi lill-awtoritajiet amministrattivi bl-istrumenti li jeħtieġu sabiex jassiguraw li jinkisbu l-għanijiet tal-iskema, li huma l-assigurazzjoni ta' provvista regolari ta' ċerti prodotti agrikoli u l-kumpens tal-effetti tas-sitwazzjoni ġeografika tar-reġunji l-aktar 'il bogħod billi jiġi assigurat li l-vantaġġi tal-iskema jintużaw verament għal dak l-istadju fejn il-prodotti destinati għall-utenti aħħarin jitpoġġew fuq is-suq.

(9) Wieħed minn dawk l-istrumenti jikkonsisti minn operaturi reġistrati li qed isegwu attività ekonomika taħt l-arranġamenti speċifiċi tal-provvista. L-operaturi reġistrati huma intitolati biex jibbenefikaw mill-arranġament, sakemm jissodisfaw l-obbligazzjonijiet stabbiliti fir-regoli tal-Komunità u nazzjonali. L-applikanti għandhom ikunu intitolati għar-reġistrazzjoni sakemm jissodisfaw ċertu numru ta' rekwiżiti objettivi intiżi biex jiffaċilitaw l-amministrazzjoni tal-iskema.

([1]) ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 410/2006 (ĠU L 71, 10.3.2006, p. 7).

▼C1

(10) Ir-regoli dettaljati għall-amministrazzjoni tal-arranġamenti speċifiċi għall-provvista għandhom jiżguraw li, fil-qafas talkwantitajiet stabbiliti fil-bilanċi mbassra tal-provvista, operaturi reġistrati jiksbu ċertifikat għall-prodotti u l-kwantitajiet involuti fit-tranżazzjonijiet kummerċjali li jwettqu f'isimhom stess, fuq preżentazzjoni ta' dokumenti li jiċċertifikaw li l-attività hi ġenwina u li l-applikazzjoni għal ċertifikat hu skont il-proċedura.

(11) Il-monitoraġġ tal-operazzjonijiet li jikkwalifikaw taħt l-arranġamenti speċifiċi tal-provvista jeħtieġ, fost affarjiiet oħrajn, li l-perjodu ta' validità tal-liċenzji u taċ-ċertifikati jkun addattat għar-rekwiżiti tat-trasport bl-ajru jew bil-baħar, li tiġi pprovduta prova li l-operazzjoni tal-provvista koperta mil-liċenzja jew iċ-ċertifikat saret fi żmien qasir, u li jkun projbit it-trasferiment tad-drittijiet u l-obbligi konferiti fuq id-detentur tal-liċenzja jew iċ-ċertifikat konċernat.

(12) Il-benefiċċji mogħtija fil-forma ta' eżenzjoni mid-dazji doganali u ta' għajuna għall-prodotti tal-Komunità għandhom jitgħaddew f'mod li dawn jiġu riflessi fl-ispejjeż tal-produzzjoni u fil-prezzijiet imħalsin mill-utenti aħħarin. Għal din ir-raġuni huma meħtieġa verifiki sabiex jiġi assigurat li l-benefiċċji jitgħaddew attwalment.

(13) Ir-Regolament (KE) Nru 247/2006 jistipula li l-prodotti koperti minn arranġamenti speċifiċi tal-provvista ma jistgħux jiġu esportati lil pajjiżi terzi jew dispaċċjati lill-kumplament tal-Komunità. Madankollu, dak ir-Regolament jipprovdi għal numru limitat ta' derogazzjonijiet minn dak il-prinċipju, li jvarjaw skont ir-reġjun konċernat. Għandhom jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar l-għoti u l-monitoraġġ ta' dawn id- derogazzjonijiet. B'mod partikolari, jaqbel li jiġu stabbiliti kwantitajiet massimi ta' prodotti proċessati li jistgħu jkunu s-suġġett ta' esportazzjonijiet jew konsenji tradizzjonali, kif ukoll il-kwantitajiet ta' prodotti u d-destinazzjonijiet tal-esportazzjonijiet tal-prodotti proċessati lokalment, bl-għan li jiġi inkuraġġit il-kummerċ reġjonali.

(14) Sabiex jiġu protetti l-konsumaturi u l-interessi kummerċjali tal-operaturi, il-prodotti li mhumiex ta' kwalità kummerċjali xierqa u ġusta, fi ħdan it-tifsira tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 tal-15 ta' April 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni fuq il-prodotti agrikoli ([1]), għandhom jiġu eskluzi mill-arranġamenti għall-provvisti speċifiċi sa mhux aktar tard miż-żmien meta jitpoġġew għall-ewwel darba fuq is-suq u għandhom jittieħdu passi xierqa fejn dan ir-rekwiżit ma jiġix sodisfatt.

(15) Fil-kuntest tal-proċeduri tas-sħubija fis-seħħ għar-reġjuni l-aktar 'il bogħod, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu regoli amministrattivi dettaljati meħtieġa sabiex jiġu assigurati l-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-arranġamenti speċifiċi tal-provvista. Barra minn dan, sabiex jiġi assigurat li l-arranġamenti jiġu sorveljati kif suppost, huma meħtieġa regoli li jispeċifikaw il-verifiki li għandhom isiru. Għalhekk għandhom jiġu speċifikati l-penali amministrattivi sabiex jiġi assigurat il-funzjonament mingħajr ostakli tal-mekkaniżmi implimentati.

([1]) ĠU L 102, 17.4.1999, p. 11. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 671/2004 (ĠU L 105, 14.4.2004, p. 5).

▼C1

(16) Sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-arranġamenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu meħtieġa jirrapportaw lill-Kummissjoni f'intervalli regolari.

(17) Il-kopertura tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna u d-dokumenti li għandhom jiġu mehmuża sabiex tkun tista' tiġi evalwata l-ġustifikazzjoni tagħhom għandha tiġi speċifikata għal kull skema ta' għajnuna li tindirizza l-produzzjoni lokali.

(18) Għandu jkun possibbli li l-applikazzjonijiet għall-għajnuna li fihom żbalji evidenti jiġu emendati f'kull żmien.

(19) Il-limiti ta' żmien għas-sottomissjoni u l-emendar tal-applikazzjonjiet għall-għajnuna għandhom ikunu rispettati sabiex l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jipprogrammaw u sussegwentement jagħmlu l-verifiki effettivi fuq il-korrettezza tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-produzzjoni lokali. Għalhekk għandhom jiġu ffissati l-limiti ta' żmien li warajhom ma jistgħux jibqgħu jiġu aċċettati s-sottomissjonijiet. Barra minn dan, għandu tiġi applikata riduzzjoni li tinkoraġġixxi lill-koltivaturi biex jirrispettaw il-limiti ta' żmien.

(20) Il-koltivaturi għandhom ikunu permessi jirtiraw l-applikazzjonijiet tagħhom għall-għajnuna għall-produzzjoni lokali jew partijiet ta' dawn f'kwalunkwe żmien, sakemm l-awtorità kompetenti tkun għadha ma informatx lill-koltivatur bi kwalunkwe żbalji fl-applikazzjoni għall-għanjuna jew ħabbret verifika fuq il-post li tirrivela żbalji fil-parti konċernata mill-irtirar.

(21) Il-konformità mar-regoli dwar l-iskemi tal-għajnuna taħt is-sistema tal-amministrazzjoni u tal-kontroll integrata għandha tiġi sorveljata f'mod effettiv. Għal dan il-għan, u sabiex jinkiseb livell armonizzat ta' monitoraġġ fl-Istati Membri kollha, il-kriterji u l-proċeduri tekniċi biex isiru l-verifiki amministrattivi u fuq il-post għandhom jiġu stabbiliti fid-dettall. Fejn xieraq, l-Istati Membri għandhom jaħdmu biex jikkombinaw il-verifiki differenti taħt dan ir-Regolament ma' dawk stipulati taħt id-dispożizzjonijiet tal-Komunità.

(22) Għandu jiġi determinat in-numru minimu ta' koltivaturi li għandhom jiġu sottomessi għall-verifiki fuq il-post taħt l-iskemi tal-għajuna differenti.

(23) Il-kampjun għar-rata minima ta' verifiki fuq il-post għandu jiġi magħżul in parti fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju u in parti bl-addoċċ. Il-fatturi prinċipali li jridu jiġu kkunsidrati għall-analiżi tar-riskju għandhom jiġu speċifikati.

(24) Fejn jinstab numru sinjifikanti ta' irregolaritajiet, ir-rata tal-verifiki fuq il-post għandha tiġi miżjuda matul is-sena kurrenti jew dawk li jsegwu sabiex jinkiseb livell aċċettabbli ta' assigurazzjoni li l-applikazzjonijet għall-għajnuna konċernati huma korretti.

(25) Sabiex il-verifiki fuq il-post ikunu effettivi, huwa importanti li l-ispetturi jiġu informati tar-raġunijiet għaliex il-koltivaturi konċernati ġew magħżula għal verifika fuq il-post. L-Istati Membri għandhom iżommu reġistri ta' informazzjoni bħal din.

▼C1

(26) Sabiex l-awtoritajiet nazzjonali u kwalunkwe awtorità kompetenti tal-Komunità jkunu jistgħu jkomplu jsegwu s-sitwazzjoni wara li jkunu saru l-verifiki fuq il-post, id-dettalji tal-verifiki għandhom jiġi rreġistrati f'rapport tal-ispezzjoni. Il-koltivaturi jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jingħataw l-opportunità li jiffirmaw ir-rapport. Madankollu, fil-każ ta' verifiki bit-telerilevament, l-Istati Membri għandhom jkunu permessi li jipprovdu għal dan id-dritt biss f'każijiet fejn il-verifika tirrivela xi irregolaritajiet. Barra minn dan, irrispettivament mit-tip ta' verifika fuq il-post li tkun saret, il-koltivatur għandu jirċievi kopja tar-rapport jekk jinstabu xi irregolaritajiet.

(27) Sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Komunità b'mod effettiv, għandhom jiġu addottati miżuri xierqa kontra l-irregolaritajiet u l-frodi.

(28) Ir-riduzzjonijiet u l-esklużjonijiet għandhom jiġu determinati b'kunsiderazzjoni għall-prinċipju tal-proporzjonalità u l-problemi speċjali li jqumi fil-każijiet ta' forza maġġuri, ċirkustanzi eċċezzjonali u diżastri naturali. Dawn ir-riduzzjonijiet u esklużjonijiet għandhom jiġu kklassifikati skont il-gravità tal-irregolarità li tkun saret u għandhom jaslu sal-esklużjoni totali minn waħda jew aktar skemi ta' għajnuna għall-produzzjoni lokali għal perjodu speċifikat.

(29) Bħala regola ġenerali, ir-riduzzjonijiet u l-esklużjonijiet m'għandhomx jiġu applikati fejn il-koltivaturi ssottomettaw informazzjoni fattwalment korretta jew inkella fejn jistgħu juru b'mod ieħor li m'għandhomx tort.

(30) Il-koltivaturi li jinnottifikaw lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'kwalunkwe żmien b'applikazzjonijiet għall-għajnuna inkorretti m'għandhomx jiġu suġġetti għar-riduzzjonijeit jew l-esklużjonjiet, irrispettivament mir-raġuni tal-inkorrettezza, sakemm il-koltivatur konċernat ma ġiex informat dwar l-intenzjoni tal-awtorità kompetenti li tagħmel verifika fuq il-post u sakemm l-awtorità ma informatx diġà lill-koltivatur dwar kwalunkwe irregolarità fl-applikazzjoni. L-istess għandu jiġi applikat għad-dejta inkorretta li tinsab fid-dejtabejż kompjuterizzata.

(31) Fejn għandhom jiġu applikati diversi riduzzjonijiet għall-istess koltivatur, dawn għandhom jiġu applikati indipendentement minn xulxin. Barra minn dan, ir-riduzzjonijiet u l-esklużjonijiet li huma stipulati f'dan ir-Regolament għandhom jiġu applikati mingħajr preġudizzju għal penali addizzjonali taħt kwalunkwe dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-Komunità jew nazzjonali.

(32) Il-koltivaturi li ma jistgħux jissodisfaw l-obbligazzonijiet stipulati taħt ir-regoli implimentattivi dettaljati tal-programmi bħala konsegwenza ta' forza maġġuri jew ċirkustanzi eċċezzjonali m'għandhomx jitilfu id-dritt tagħhom għall-għajnuna. Għandu jiġi speċifikat liema każijiet, b'mod partikolari, jistgħu jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti bħala ċirkustanzi eċċezzjonali.

(33) Sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' bona fede mal-Komunità, fejn l-ammonti mħalsa indebitament jistgħu jiġu rkuprati, għandhom jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet li taħthom jista' jiġi invokat dak il-prinċipju mingħajr preġudizzju għat-trattamenti tal-ispejjeż konċernati fil-kuntest tal-approvazzjoni tal-kontijiet.

▼C1

(34) Għandhom jiġu addottati r-regoli dettaljati meħtieġa għall-applikazzjoni tas-simbolu grafiku immirat lejn l-assigurazzjoni ta' konoxxenza u konsum akbar tal-prodotti agrikoli ta' kwalità pproċessati u mhux ipproċessati speċifiċi għar-reġjuni l-aktar 'il bogħod tal-Komunità.

(35) Il-kondizzjonijeit għall-użu tas-simbolu grafiku, jiġifieri l-preparazzjoni tal-lista ta' prodotti agrikoli naturali u pproċessati li għandhom is-simbolu u d-definizzjoni tal-karatteristiċi tal-kwalità, il-metodi tal-produzzjoni, tal-ippakkjar u tal-manifattura ta' prodotti pproċessati għandhom jiġu proposti mill-organizzazzjoijiet tal-kummerċ fir-reġjuni l-aktar 'il bogħod. Għandu jiġi speċifikat li huwa possibbli li dawn ir-rekwiżiti jiġu addottati b'referenza għal standards eżistenti taħt ir-regoli tal-Komunità jew, fl-assenza tagħhom, għall-istandards internazzjonali, jew b'referenza għall-metodi tradizzjonali ta' koltivazzjoni u manifattura.

(36) Sabiex isir l-aħjar użu ta' dan l-istrument promozzjonali speċifiku disponibbli għall-produtturi u l-manifatturi ta' prodotti ta' kwalità speċifiċi għar-reġjuni l-aktar 'il bogħod, u fl-interessi tas-simplifikazzjoni tal-ġestjoni u l-kontroll u sabiex dawn isiru aktar effettivi, id-dritt għall-użu tas-simbolu grafiku għandu jiġi konferit lill-operaturi stabbiliti f'dawk ir-reġjuni li huma direttament responsabbli għall-produzzjoni, l-ippakkjar għall-kummerċjalizzazzjoni u l-manifattura tal-prodotti konċernati u li impenjaw ruħhom biex jissodisfaw ċertu obbligi.

(37) Hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti fir-reġjuni konċernati li jaddottaw ir-rekwiżiti amministrattivi addizzjonali meħtieġa biex jassiguraw l-operazzjoni korretta tal-mekkaniżmi stabbiliti u biex jiggarantixxu l-konformità ma' dawk l-obbligi.

(38) Għandha ssir dispożizzjoni biex il-Kummissjoni tiġi notifikata l-informazzjoni li teħtieġ sabiex tassigura li l-kondizzjonijiet għall-użu tas-simbolu grafiku ikunu uniformi kemm jista' jkun possibbli mar-reġjuni l-aktar 'il bogħod differenti.

(39) Sabiex it-tabakk importat mill-Gżejjer Kanari jiġi eżentat middazji doganali, huwa neċessarju li jiġi definit perjodu annwali għall-kalkulazzjoni tal-kwantità massima tal-prodotti tat-tabakk msemmija fl-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 247/2006 u li jiġi definit it-terminu "manifattura lokali tal-prodotti tat-tabakk". Barra minn dan, sabiex tiġi assigurata l-flessibilità massima, għandu jingħata permess biex il-kwantità totali ta' tabakk mingħajr zokk/mhux maħdum mhux immanifatturat jintuża għall-importazzjonijiet ta' prodotti oħra, fuq il-bażi ta' koeffiċjent ta' ekwivalenza, skont ir-rekwiżiti tal-industrija lokali.

(40) Bħala regola ġenerali, l-Istati Membri għandhom jieħdu kwalunkwe miżuri addizzjonali neċessarji biex jassiguraw li dan ir-Regolament jiġi implimentat kif suppost.

▼C1

(41) Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata dwar kwalunkwe miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jimplimentaw l-iskemi tal-għajnuna stipulati f'dan ir-Regolament. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel monitoraġġ effettivi, l-Istati Membri għandhom jibgħatulha regolarment ċerti statistiċi dwar l-iskemi tal-għajnuna.

(42) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huwa skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħlasijiet Diretti,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLARMENT:

TITOLU I

SKOP U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Ambitu

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE Nru 247/2006, b'mod partikolari fir-rigward tal-programmi relatati mal-arranġamenti speċifiċi tal-provvista għar-reġunji l-aktar 'il bogħod, il-miżuri għas-sostenn tal-produzzjoni lokali f'dawk ir-reġjuni u l-miżuri relatati.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "reġjuni l-aktar imbegħda" tfisser ir-reġjuni msemmija fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat, kull wieħed mid-dipartimenti Franċiżi barra l-pajjiż li huwa kkunsidrat bħala reġjun l-aktar imbiegħed separat;

(b) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet appuntati biex jimplimentaw dan ir-Regolament mill-Istati Membri li minnu jifforma parti r-reġjun ultraperiferiku;

(c) "programm" tfisser il-programm kollhu msemmi fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 247/2006.

TITOLU II

ARRANĠAMENTI SPEĊIFIĊI TAL-PROVVISTA

KAPITOLU I

Bilanċi tal-provvista mbassra

Artikolu 3

Skop tal-bilanċi tal-provvista mbassra u l-emendi tagħhom

Il-bilanċi tal-provvista mbassra stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 247/2006 għandhom jiddikjaraw il-kwantitajiet meħtieġa biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-provvista ta' kull reġjuni l-aktar 'il bogħod f'kull sena kalendarja. Dawn jistgħu jiġu emendati skont l-Artikolu 49 ta' dan ir-Regolarment.

▼C1

KAPITOLU II

Provvisti permezz tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Sezzjoni 1

Importazzjoni ta' prodotti suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni

Artikolu 4

Liċenzja tal-importazzjoni

1. Il-prodotti li huma suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni għandhom jiġi eżentati mid-dazju fuq l-importazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 247/2006, mal-produzzjoni ta' dik il-liċenzja.

2. Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jiġu ppreparati skont il-kampjun stabbilit fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1291/2000.

3. Il-kaxxa 20 tal-applikazzjonijiet tal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-liċenzji tal-importazzjoni stess għandu jkun fiha waħda mill-entraturi elenkati fl-Anness I(A) u waħda mill-entraturi elenkati fl-Anness I(B).

4. Il-kaxxa 12 tal-liċenzji tal-importazzjoni għandha turi l-aħħar ġurnata tal-validità.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu l-liċenzji tal-importazzjoni fuq it-talba tal-partijiet konċernati, suġġetti għal-limiti tal-bilanċi mbassra tal-provvista.

6. Id-dazji fuq l-importazzjoni għandhom jiġu imposti fuq il-kwantitajiet li jeċċedu dawk dikjarati fuq il-liċenzja tal-importazzjoni. It-tolleranza ta' 5 % stipulata fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 għandha tiġi permessa, sakemm id-dazji fuq l-importazzjoni relatati magħha jitħalsu.

Sezzjoni 2

Importazzjoni ta' prodotti mhux suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni

Artikolu 5

Ċertifikat ta' eżenzjoni

1. Il-prodotti li mhumiex suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni għandhom jiġu eżentati mid-dazji fuq l-importazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 247/2006, mal-preżentazzjoni ta' ċertifikat tal-eżenzjoni.

2. Iċ-ċertifikati tal-eżenzjoni għandhom jiġu ppreparati fuq il-bażi tal-kampjun tal-liċenzja tal-importazzjoni stabbilit fl-Anness I għar-Regolarment (KE) Nru 1291/2000.

▼M2

L-Artikoli 8(5), 13, 15, 17, 18, 19, 21, 23, 26, 27, 29 sa 33 u 36 sa 41 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 għandhom jgħoddu, *mutatis mutandis*, bla ħsara għal dan ir-Regolament.

▼C1

3. Waħda mill-entraturi elenkati fl-Anness I(C) għandha tiġi stampata jew ittimbrata fil-kaxxa ta' fuq tax-xellug taċ-ċertifikat.

4. Il-kaxxa 20 tal-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikat tal-eżenzjoni u taċ-ċertifikati tal-eżenzjoni stess għandu jkun fiha waħda mill-entraturi elenkati fl-Anness I(D) u waħda mill-entraturi elenkati fl-Anness I(B).

5. Il-kaxxa 12 taċ-ċertifikati tal-eżenzjoni għandha turi l-aħħar ġurnata tal-validità.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu ċ-ċertifikati tal-eżenzjoni fuq it-talba tal-partijiet konċernati, suġġetti għal-limiti tal-bilanċi mbassra tal-provvista.

KAPITOLU III

Provvista tal-Komunità

Artikolu 6

Iffissar u għoti ta' għajnuna

1. Għall-iskopijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 247/2006, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw fi ħdan il-kuntest tal-programm l-ammont ta' għajnuna li għandha tingħata sabiex jikkompensaw għall-bogħod, l-insularità u l-lokazzjoni distanti, b'kunsiderazzjoni għal:

(a) fir-rigward tal-ispejjeż tat-trasport addizzjonali speċifiċi, l-ispejjeż intermedji tal-ħatt mill-ġdid involuti fil-provvista ta' oġġetti lir-reġjuni ultraperiferiċi konċernati;

(b) fir-rigward tal-ispejjeż addizzjonali speċifiċi involuti fl-ipproċessar lokali, id-daqs żgħir tas-suq, il-bżonn li tiġi garantita s-sigurtà tal-provvista u r-rekwiżiti tal-kwalità speċifiċi għall-oġġetti fir-reġjuni ultraperiferiċi konċernati.

2. L-ebda għajnuna m'għandha tingħata għall-provvista ta' prodotti li diġà bbenefiikaw mill-arranġamenti speċifiċi tal-provvista f'reġjuni ultraperiferiċi oħra.

L-ebda għajnuna m'għandha tingħata għall-provvista taz-zokkor C.

Artikolu 7

Ċertifikat u ħlas tal-għajnuna

1. L-għajnuna għandha tiġi mħallsa mal-preżentazzjoni ta' ċertifikat, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ċertifikat tal-għajnuna", li ġie utilizzat kollhu.

Il-preżentazzjoni ta' ċertifikat tal-għajnuna lill-awtoritajiet responsabbli biex jagħmlu pagamenti għandha titqies bħala applikazzjoni għall-għajnuna. Minbarra f'każijiet ta' forza maġġuri jew ta' abberazzjonijiet klimatiċi, iċ-ċertifikati għandhom jiġu ppreżentati fi żmien 30 ġurnata mid-data li fiha ġew iddebitati. Fejn il-limitu ta' żmien ikun għadda, l-għajnuna għandha titnaqqas b'5 % għal kull ġurnata ta' dewmien.

L-għajnuna għandha titħallas mill-awtoritajiet kompetenti mhux aktar tard minn 90 ġurnata wara d-data li fiha ċ-ċertifikat tal-għajnuna utilizzat ġie ippreżentat, minbarra f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) forza maġġuri jew abberazzjoni klimatika;

▼C1

(b) fejn investigazzjoni amministrattiva infetħet dwar l-intitolament għall-għajnuna; f'każijiet bħal dawn, il-ħlas se jsir biss wara li l-intitolament jiġi rikonoxxut.

2. Iċ-ċertifikati tal-għajnuna għandhom jiġu ppreparati fuq il-bażi tal-kampjun tal-liċenzja tal-importazzjoni stabbilit fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1291/2000.

▼M2

L-Artikoli 8(5), 13, 15, 17, 18, 19, 21, 23, 26, 27, 29 sa 33 u 36 sa 41 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 għandhom jgħoddu, *mutatis mutandis*, bla ħsara għal dan ir-Regolament.

▼C1

3. Waħda mill-entraturi elenkati fl-Anness I(E) għandha tiġi stampata jew ittimbrata fil-kaxxa ta' fuq tax-xellug taċ-ċertifikat.

Il-kaxex 7 u 8 taċ-ċertifikat għandhom jiġu ingassati.

4. Il-kaxxa 20 tal-applikazzjonijiet taċ-ċertifikati tal-għajnuna u taċ-ċertifikati tal-għajnuna stess għandha jkun fiha waħda mill-entraturi elenkati fl-Anness I(F) u waħda mill-entraturi elenkati fl-Anness I(G).

5. Il-kaxxa 12 taċ-ċertifikat tal-għajnuna għandha turi l-aħħar ġurnata ta' validità.

6. L-ammont ta' għajnuna applikabbli għandhu jkun dak fis-seħħ fil-ġurnata li fiha l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat tal-għajnuna ġiet depożitata.

7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom joħorġu ċ-ċertifikati tal-għajnuna fuq it-talba tal-partijiet konċernati, suġġetti għal-limiti tal-bilanċi mbassra tal-provvista.

KAPITOLU IV

Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 8

Twassil tal-vantaġġ lill-utent aħħari

1. Għall-applikazzjoni ta' dan it-Titolu:

(a) il-"vantaġġ" imsemmi fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 247/2006 tfisser jew l-eżenzjoni mid-dazji doganali tal-għajnuna tal-Komunità stipulati f'dak ir-Regolament;

(b) "utent aħħari" tfisser

(i) fil-każ ta' prodotti għall-konsum dirett: il-konsumatur;

(ii) fil-każ ta' prodotti għall-industrija tal-ipproċessar jew tal-ippakkjar li huma intiżi għall-konsum uman:

— il-proċessur jew l-imballatur finali, għall-parti tal-għajnuna intiża biex tikkompensa għall-bogħod, l-insularità u l-pożizzjoni distanti,

— il-konsumatur, għall-parti addizzjonali tal-għajnuna intiża biex tagħti konsiderazzjoni lill-prezzijiet tal-esportazzjoni;

▼C1

(iii) fil-każ ta' prodotti għall-industrija tal-ipproċessar jew tal-ippakkjar għall-użu fl-għalf tal-annimali u l-prodotti għall-użu bħala inputs agrikoli: il-bidwi.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-passi kollha xierqa biex jivverifikaw li l-vantaġġ fil-fatt jitwassal lill-utent aħħari. Meta jagħmlu dan jistgħu jevalwaw il-marġni u l-prezzijiet kummerċjali applikati mill-operaturi differenti konċernati.

Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu, u b'mod partikolari l-punti tal-kontroll użati biex jiddeterminaw jekk l-għajnuna ġietx imwassla jew le, u kwalunkwe emendi li jkunu saru, għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni fil-kuntest tar-rapport stipulat fl-Artikolu 48.

Artikolu 9

Reġistru tal-operaturi

1. Il-liċenzji tal-importazzjoni, iċ-ċertifikati tal-eżenzjoni u ċ-ċertifikati tal-għajnuna għandhom jinħarġu biss lill-operaturi mdaħħlin f'reġistru miżmum mill-awtoritajiet kompetenti (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-reġistru).

2. Kull operatur stabbilit fil-Komunità jista' japplika biex jiddaħal fir-reġistru.

Id-dħul fir-reġistru għandu jkun suġġetti għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-operaturi għandhom ikollhom il-mezzi, l-istrutturi u l-awtorizzazzjonijiet legali meħtieġa biex iwettqu l-attivitajiet tagħhom u għandhom, b'mod partikolari, ikunu ikkonformaw mal-obbligi tagħhom fir-rigward tal-kontabilità tan-negozju u tat-tassazzjoni;

(b) l-operaturi għandhom ikunu jistgħu jigarantixxu li l-attivitajiet tagħhom isiru fir-reġjuni periferika konċernata;

(c) fil-kuntest tal-arranġamenti speċifiċi tal-provvista għar-reġjuni periferika konċernata, b'mod konformi mal-għanijiet ta' dawk l-arranġamenti, l-operaturi għandhom jimpenjaw ruħhom li:

(i) jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti, fuq it-talba tagħhom, l-informazzjoni kollha rilevanti dwar l-attivitajiet kummerċjali tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-prezzijiet u l-marġini tal-profitti li jipprattikaw,

(ii) li joperaw esklużivament fl-isem tagħhom stess u waħedhom,

(iii) jissottomettu applikazzjonijiet għal-liċenzja u għaċ-ċertifikat proporzjonali mal-kapaċità reali tagħhom biex jiddisponu mill-prodotti konċernati, din il-kapaċità tkun ippruvata b'referenza għal fatturi objettivi,

(iv) jevitaw li jaġixxu f'kwalunkwe mod li jista' joħloq nuqqasijiet artifiċjali ta' prodotti u milli-jbiegħu il-prodotti disponibbli għal prezzijiet artifiċjalment baxxi,

(v) jassiguraw għas-sodisfazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li, meta l-prodotti agrikoli jiġu disposti fir-reġjuni periferika konċernata, l-vantaġġ jitgħadda lill-utent aħħari.

▼C1

3. L-operaturi li biħsiebhom jibgħatu jew jesportaw prodotti proċessati jew mhux ipproċessati taħt il-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 16 għandhom, fiż-żmien meta japplikaw biex jiddaħlu fir-reġistru jew wara, jiddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jimpenjaw ruħhom f'din l-attività u jindikaw fejn jinsab l-impjant tal-ippakkjar fejn applikabbli.

4. Il-proċessuri li biħsiebhom jesportaw jew jibgħatu prodotti pproċessati taħt il-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 16 jew 18 għandhom, fiż-żmien meta japplikaw biex jiddaħlu fir-reġistru jew wara, jiddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jimpenjaw ruħhom f'din l-attività, jindikaw fejn jinsab l-impjant tal-ipproċessar u, fejn applikabbli, jipprovdu listi analitiċi tal-prodotti proċessati.

Artikolu 10

Dokumenti li għandhom jiġu preżentati mill-operaturi u l-validità tal-liċenzji u ċ-ċertifikati

1. Bla ħsara għall-Artikoli 4(5), 5(6), 7(7), 14 u 15, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaċċettaw l-applikazzjoni tal-liċenzja tal-importazzjoni, taċ-ċertifikat tal-eżenzjoni jew taċ-ċertifikat tal-għajnuna ppreżentata mill-operaturi għal kull konsenja, sakemm jiġu akkompanjati mill-oriġinali jew kopja ċertifikata tal-fattura tax-xiri u l-oriġinali jew kopja ċertifikata tad-dokumenti li ġejjin:

(a) il-polza tat-tagħbija jew il-kart tat transport bl-ajru;

(b) iċ-ċertifikat tal-oriġini għall-prodotti li joriġinaw minn pajjiżi terzi jew, għall-prodotti li joriġinaw mill-Komunità, id-dokument T2L, jew id-dokument T2LF taħt it-termini tal-Artikolu 315(1) u (2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([1]).

Il-fattura tax-xiri, il-polza tat-tagħbija jew il-karta tat-trasport bl-ajru għandhom jiġu ppreparati f'isem l-applikant.

2. Il-perjodu ta' validità tal-liċenzji u ċ-ċertifikati għandu jiġi ffissat fuq il-bażi taż-żmien tat-trasport. Dan iż-żmien jista' jiġi estiż mill-awtorità kompetenti f'każijiet speċjali fejn diffikultajiet serji u mhux imbassra jeffettwaw iż-żmien tat-trapost, iżda ma jistgħax jeċċedi xahrejn mid-data ta' meta l-liċenzja jew iċ-ċertifikat ikun ħareġ.

Artikolu 11

Preżentazzjoni ta' liċenzji, ċertifikati u oġġetti; in-non-trasferibilità tal-liċenzji u ċ-ċertifikati

1. Għall-prodotti koperti minn arranġamenti speċifiċi tal-provvista, il-liċenzji tal-importazzjoni, iċ-ċertifikati tal-eżenzjoni u ċ-ċertifikati tal-għajnuna għandhom jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet tad-dwana bl-għan li jiġu kompletati l-formalitajiet doganali fi żmien 15-il ġurnata tax-xogħol mid-data tal-ħatt tal-oġġetti. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jnaqqsu ż-żmien massimu.

Fil-każ ta' prodotti li ġew suġġetti għall-ipproċessar tad-dħul jew il-magażinaġġ doganali fl-Azores, Madeira u l-Gżejjer Kanari u sussegwentement rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa hemmhekk, il-perjodu massimu ta' 15-il ġurnata għandu jibda għaddej mid-data li fiha l-liċenzji jew iċ-ċertifikat msemmija fl-ewwel subparagrafu applikaw għalihom.

([1]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

▼C1

2. L-oġġetti għandhom jiġu ppreżentati f'volumi jew f'lottijiet separati li jikkorrispondu għal-liċenzja jew iċ-ċertifikat ippreżentat.

Il-liċenzji u ċ-ċertifikati għandhom jiġu użati għal operazzjoni waħda biss meta jiġu kompletati l-formalitajiet doganali.

3. Il-liċenzji u ċ-ċertifikati m'għandhomx ikunu trasferibbli.

Artikolu 12

Kwalità tal-prodotti

Prodotti ta' kwalità kummerċjali tajba u ġusta biss, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999, jistgħu jikkwalifikaw għall-arranġamenti speċifiċi tal-provvista.

Il-konformità tal-prodotti mar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel paragrafu għandha tiġi eżaminata mhux aktar tard mill-istadju tal-ewwel kummerċjalizzazzjoni, skont l-istandards jew il-prattiki fis-seħħ fil-Komunità.

Fejn prodott jiġi kkunsidrat bħala li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel paragrafu, l-intitolament tiegħu taħt l-arranġamenti speċifiċi tal-provvista għandu jiġi rtirat u l-kwantità korrispondenti għandha tiġi attribwita mill-ġdid lill-bilanċ imbassar tal-provvista. Fejn ingħatat l-għajnuna skont l-Artikolu 7, l-għajnuna għandha tiġi rrimborżata. Fejn l-importazzjonijiet ikunu saru skont l-Artikoli 4 jew 5, id-dazju fuq l-importazzjoni għandu jitħallas, sakemm il-parti kkonċernata ma tipprovdix prova li l-prodotti ġew esportati mill-ġdid jew meqruda.

Article 13

Depożizzjoni ta' garanzija

L-ebda garanzija ma hi meħtieġa fl-applikazzjon għal-liċenzji tal-importazzjoni, iċ-ċertifikati tal-eżenzjoni jew iċ-ċertifikati tal-għajnuna.

Madankollu, f'każijiet speċjali u safejn neċessarju biex tiġi assigurata l-applikazzjoni kif suppost ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li tiġi depożitata garanzija ugwali għall-ammont tal-vantaġġ mogħti. F'każijiet bħal dawn, għandu japplika l-Artikolu 35(1) u (4) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000.

Artikolu 14

Żidiet sinjifikanti fl-applikazzjonijiet għal-liċenzji u ċ-ċertifikati

1. Jekk l-istat tal-eżekuzzjoni ta' bilanċ imbassar tal-provvista jindika żieda sinjifikanti fl-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni, iċ-ċertifikati tal-eżenzjoni jew iċ-ċertifikati tal-għajnuna għal prodott li tista' teffettwa ħażin il-kisba ta' wieħed jew aktar għanijiet tal-arranġamenti speċifiċi tal-provvista, l-Istat Membru għandu jieħu l-passi kollha neċessarji biex jassigura li r-reġjun ultraperiferiku konċernat jiġi fornut bil-prodotti essenzjali, b'kunsiderazzjoni tal-provvista disponibbli u r-rekwiżiti tas-setturi ta' prijorità.

2. Fil-każ ta' restrizzjonijiet fuq il-ħruġ tal-liċenzji u ċ-ċertifikati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw persentaġġ ta' riduzzjoni uniformi għall-applikazzjonijiet pendenti kollha.

▼C1

3. Il-paragrafi 1 sa 2 għandhom japplikaw wara li l-awtoritajiet konċernati jkunu ġew konsultati.

Artikolu 15

Iffissar ta' kwantità massima għal kull applikazzjoni għal-liċenzja jew ċertifikat

Safejn huwa strettament neċessarju sabiex jiġu evitati disturbanzi fuq is-suq tar-reġjun ultraperiferiku konċernat, jew l-insegwiment ta' azzjonijiet spekulattivi li jistgħu jippreġudikaw il-funzjonamenti tal-arranġamenti speċifiċi tal-provvista, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffissaw kwantità massima għal kull applikazzjoni għal liċenzja jew ċertifikat.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni immedjatament meta jiġi applikat dan l-Artikolu.

KAPITOLU V

Esportazzjoni u dispaċċ

Artikolu 16

Kondizzjonijiet tal-esportazzjoni jew tad-dispaċċ

1. L-esportazzjoni jew id-dispaċċ ta' prodotti mhux ipproċessati li ibbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi tal-provvista, jew prodotti ippakkjati jew ipproċessati li fihom prodotti li bbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi tal-provvista, għandhom jiġu suġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 6.

2. Għall-prodotti esportati, il-kaxxa 44 tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni għandha jkun fiha l-entraturi elenkati fl-Anness I(H).

3. Il-kwantitajiet tal-prodotti li jkunu ġew eżentati mid-dazji fuq l-importazzjoni u li jiġu esportati għandhom jiġu attribwiti mill-ġdid lill-bilanċ imbassar tal-provvista.

Dawn il-prodotti m'għandhomx ikunu eliġibbli għar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni.

4. Il-kwantitajiet tal-prodotti li jkunu ġew eżentati mid-dazji fuq l-importazzjoni u mibgħuta għandhom jiġu attribwiti mill-ġdid lill-bilanċ imbassar tal-provvista u l-ammont tal-dazji fuq l-importazzjonijiet *erga omnes* applikabbli fil-ġurnata tal-importazzjoni għandhom jitħallsu mill-ispeditur mhux aktar tard miż-żmien tad-dispaċċ.

Prodotti bħala dawn ma jistgħux jintbagħtu sakemm il-pagament imsemmi fl-ewwel subparagrafu ma jkunx sar.

Fejn huwa impossibbli li tiġi stabbilita l-ġurnata tal-importazzjoni, il-prodotti għandhom jiġu kkunsidrati bħala importati fil-ġurnata li fihom l-għola dazji fuq l-importazzjonijiet *erga omnes* japplikaw matul is-sitt xhur li jippreċedu l-ġurnata tad-dispaċċ.

5. Il-kwantitajiet tal-prodotti li jkunu ibbenefikaw mill-għajnuna u ġew esportati jew mibgħuta għandhom jiġu attribwiti mill-ġdid lill-bilanċ imbassar tal-provvista u l-għajnuna mogħtija għandha tiġi rimborżata mill-esportatur jew l-ispeditur sa mhux aktar tard miż-żmien tal-esportazzjoni jew id-dispaċċ.

Dawk il-prodotti ma jistgħux jintbagħtu jew jiġu esportati sakemm ma jkunx sar ir-rimborż imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

▼C1

Fejn hu possibbli li jiġi stabbiliti l-ammont ta' għajnuna mogħtija, il-prodotti għandhom jiġu kkunsidrati li rċevew l-għola rata ta' għajnuna ffissata mill-Komunità għat-tali prodotti matul is-sitt xhur li jippreċedu s-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-esportazzjoni jew id-dispaċċ.

Dawn il-prodotti jistgħu jibbenefikaw minn rifużjoni fuq l-esportazzjoni, sakemm il-kriterji għall-għoti ta' dan ir-rimborż jiġu sodisfatti.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jawtorizzaw l-esportazzjoni jew id-dispaċċ ta' kwantitajiet ta' prodotti pproċessati minbarra dawk imsemmija fil-paragrafi 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 18 biss fejn il-proċessur jew l-esportatur jiċċertifika li l-prodotti konċernati ma fihomx materja prima importata jew introdotta taħt l-arranġamenti speċifiċi tal-provvista.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jawtorizzaw l-esportazzjoni mill-ġdid jew id-dispaċċ mill-ġdid ta' prodotti mhux ipproċessati jew ta' prodotti ippakkjat minbarrx dawk imsemmija fil-paragrafi 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu biss fejn l-esportatur jiċċertifika li dawk il-prodotti ma jibbenefikawx mill-arranġamenti speċifiċi tal-provvista.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu l-verifiki neċessarji biex jassiguraw l-akkuratezza taċ-ċertifikati msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi u għandhom, jekk ikun hemm bżonn, jirkupraw il-vantaġġ.

Artikolu 17

Liċenzja tal-esportazzjoni u żieda sostanzjali fl-esportazzjonijiet

1. L-esportazzjoni tal-prodotti li ġejjin għandhom jiġu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-esportazzjoni:

(a) il-prodotti msemmija fl-Artikolu 16(3);

(b) il-prodotti msemmija fl-Artikolu 16(5) li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni.

2. Jekk hemm riskju li l-provvisti regolari lir-reġjuni ultraperiferiċi jiġu effettwati ħażin minħabba żieda sostanzjali fl-esportazzjonijiet tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 16(1), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrestringu l-kwantitajiet b'tali mod li jassiguraw li l-bżonnijiet ta' prijorità fis-setturi konċernati jiġu sodisfatti. Din ir-restrizzjoni kwantitattiva għandha tiġi applikata b'mod mhux diskriminatorju.

▼C1

Artikolu 18

Esportazzjonijiet tradizzjonali, esportazzjonijiet fil-kuntest tal-kummerċ reġonali, u dispaċċi tradizzjonali ta' prodotti pproċessati

1. Il-proċessuri li jiddikjaraw, skont l-Artikolu 9(4), li biħsiebhom jesportaw fil-kuntest ta-flussi tal-kummerċ tradizzjonali jew tal-kummerċ reġjonali, jew li jagħmlu dispaċċ fil-kuntest tal-flussi tal-kummerċ tradizzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 247/2006, prodotti pproċessati li fihom materja prima li bbenefikat mill-arranġamenti speċifiċi tal-provvista indikati fl-Annessi II sa V. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa f'mod li jassiguraw li t-tranżazzjonijiet ma jeċċedux dawk il-kwantitajiet annwali.

"Kummerċ reġjonali" tfisser il-kummerċ li jsir minn kull dipartiment Franċiż ta' barra l-pajjiż, mill-Azores u Madeira u mill-Gżejjer Kanari fil-forma ta' provvisti lill-pajjiżi terzi msemmija fl-Anness VI.

Għall-esportazzjonijiet fil-kwadru tal-kummerċ reġjonali, l-esportaturi għandhom jissottomettu d-dokumenti speċifikati fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 lill-awtoritajiet kompetenti fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 49 ta' dak ir-Regolament. Fejn id-dokumenti ma ġewx sottomessi fil-limiti ta' żmien mogħtija, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirkupraw il-vantaġġ mogħti taħt l-arranġamenti speċifiċi tal-provvista.

Il-prodotti konsenjati lid-dipartimenti Franċiżi ta' barra l-pajjiż, lill-Azores, Madeira jew lill-Gżejjer Kanari li bbenefikaw mill-arranġamenti speċifiċi tal-provvista u jintużaw biex jipprovdu lill-vapuri u l-ajruplani għandhom jitqiesu bħala konsumati lokalment.

2. L-operazzjonijiet tal-ipproċessar li jistgħu jagħtu lok esportazzjonijiet tal-kummerċ tradizzjonali jew reġjonali jew dispaċċi tradizzjonali skont il-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw, *mutatis mutandis*, il-kondizzjonijiet tal-ipproċessar taħt l-arranġament tal-ipproċessar tad-dħul u l-proċedura għall-ipproċessar taħt il-kontroll tad-dwana stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 [1] u r-Regolament (KEE) Nru 2454/93, bl-eċċezzjoni tal-forom normali kollha ta' ġestjoni.

3. L-esportazzjoni tal-prodotti msemmija f'dan l-Artikolu għandha tkun suġġetta għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-esportazzjoni.

4. Għall-prodotti esportati msemmija f'dan l-Artikolu, il-kaxxa 44 tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni għandha jkun fiha waħda mill-entraturi elenkati fl-Anness I(I).

KAPITOLU VI

Verifiki u pieni

Artikolu 19

Verifiki

1. Il-verifiki amministrattivi li jsiru fuq l-importazzjoni, id-dħul, l-esportazzjoni u d-dispaċċ ta' prodotti agrikoli għandhom ikunu eżawrjenti u għandhom jinvolvu kontroverifiki mad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 10(1).

[1] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

▼C1

2. Il-verifiki fiżiċi li jsiru fir-reġjun ultraperiferiku konċernat fuq l-importazzjoni, id-dħul, l-esportazzjoni u d-dispaċċ ta' prodotti agrikoli għandhom jinvolvu kampjun rappreżentattiv li jammonta għal ta' mill-anqas 5 % tal-liċenzji u ċ-ċertifikati ppreżentati skont l-Artikolu 11.

Il-verifiki fiżiċi għandhom isiru, *mutatis mutandis*, skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 386/90 ([1]).

F'każijiet speċjali l-Kummissjoni tista' titlob li l-verifiki fiżiċi jkopru persentaġġ differenti.

Artikolu 20

Penali

1. Minbarra f'każijiet ta' forza maġġura jew ta' abberazzjonijiet klimatiċi, jekk operator jonqos milli jikkonforma mal-impenji mogħtija taħt l-Artikolu 9, u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe piena applikabbli taħt il-liġi nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom:

(a) jieħdu lura il-vantaġġ mogħti mill-possessur tal-liċenzja tal-importazzjoni, iċ-ċertifikat tal-eżenzjoni jew iċ-ċertifikat tal-għajnuna;

(b) jissospendu temporanjament jew jirrevokaw ir-reġistrazzjoni tal-operatur, skont is-severità tal-ksur.

Il-vantaġġ imsemmi fl-ewwel subinċiż għandu jkun ugwali għall-ammont tal-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni jew l-ammont ta' għajnuna determinat skont l-Artikolu 16(4) u (5).

2 Minbarra f'każijiet ta' forza maġġuri jew ta' abberazzjonijiet klimatiċi, fejn il-possessur ta' liċenzja jew ċertifikat ma jwettqux l-importazzjoni jew id-dħul ippjanat, l-intitolament tagħhom biex japplikaw għal-liċenzji jew iċ-ċertifikati għandu jiġi sospiż għal perjodu ta' 60 ġurnata wara li tagħlaq dik il-liċenzja jew ċertifikat. Wara l-perjodu ta' sospensjoni, il-ħruġ ta' liċenzji jew ċertifikati sussegwenti għandu jkun suġġett għad-depożitu ta' garanzija ugwali għall-ammont tal-vantaġġ li għandu jingħata matul perjodu li għandujiġi determinat mill-awtoritajiet kompetenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaddottaw il-miżuri meħtieġa għall-użu mill-ġdid tal-kwantitajiet kola ta' prodotti mpoġġija għad-dispożizzjoni bħala riżultat ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni, eżekuzzjoni parzjali jew kanċellazzjoni tal-liċenzji u ċ-ċertifikati maħruġa jew l-irkupru tal-vantaġġ.

KAPITOLU VII

Dispożizzjonijiet nazzjonali

Artikolu 21

Regoli nazzjonali dwar il-ġestjoni u l-monitoraġġ

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaddottaw ir-regoli addizzjonali meħtieġa biex jiġġestixxu u jissorveljaw l-arranġamenti speċifiċi tal-provvista fil-ħin reali.

([1]) ĠU L 42, 16.2.1990, p. 6.

▼C1

Dawn għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar kull miżura li biħsiebhom jimplimentaw skont l-ewwel paragrafu, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawk il-miżuri.

TITOLU III

MIŻURI LI JASSISTU L-PRODOTTI LOKALI

KAPITOLU I

Kummerċjalizzazzjoni 'il barra mir-reġjun tal-produzzjoni

Artikolu 22

Ammont tal-għajnuna

1. L-ammont ta' għajnuna mogħtija taħt it-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 247/2006 għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tar-reġjuni ultraperiferiċi xi mkien ieħor fil-Komunità m'għandhux jeċċedi l-10 % tal-valur tal-produzzjoni kummerċjata, ikkunsenjata fiż-żona tad-destinazzjoni, ikkalkulata skont il-paragrafu 2.

Il-limitu għandu jiġi miżjud sa 13 % tal-valur tal-produzzjoni kummerċjata fejn il-kuntrattur għall-produtturi huwa assoċjazzjoni, unjoni jew organizzazzjoni tal-produtturi.

2. Għall-kalkulazzjoni tal-għajnuna, il-valur tal-produzzjoni kkumerċjata, ikkunsenjata liż-żona tad-destinazzjoni, għandu jiġi evalwat fuq il-bażi tal-kuntratt annwali (fejn applikabbli), id-dokumenti tat-trasport partikolari u kwalunkwe dokumenti relatati oħra sottomessi biex jiġġustifikaw l-applikazzjoni għall-ħlas.

Il-valur tal-prodott kummerċjat li jrid jingħata kunsiderazzjoni għandu jkun dak tal-kunsinna sal-aħħar port jew ajruport tal-ħatt.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu kull informazzjoni jew dokumentazzjoni relatata addizzjonali xierqa għall-kalkulazzjoni tal-għajnuna.

3. Il-kondizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna, il-prodotti u l-ammonti konċernati għandhom jiġu speċifikati fil-programmi approvati skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (KE) Nru 247/2006.

Artikolu 23

Tadam

Għat-tadam mill-Gżejjer Kanari li jaqgħa taħt il-kodiċi NM 0702 00 l-ammont ta' għajnuna mogħtija taħt it-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 247/2006 għandu jkun ta' EUR 3,6/100 kg, sa limitu ta' 250 000 tunnellati kull sena.

▼C1

Artikolu 24

Ross

Il-kwantità massima ta' ross maħsud fil-Gujana Franċiża li tista' tkun eliġibbli għas-sostenn għall-kummerċjalizzazzjoni fi Gwadeloupe, Martinique u 'l bqija tal-Komunità, skont it-Titolu III tar-Regolament (KE) Nru 247/2006, m'għandhiex teċċedi t-12 000 tunnellati fis-sena ta' ekwivalenti ta' ross ipproċessat.

Għall-kummerċjalizzazzjoni fil-bqija tal-Komunità 'l barra minn Gwadeloupe u Martinique, dan l-ammont ma jistgħax jeċċedi l-4 000 tunnellati kull sena.

KAPITOLU II

Applikazzjonijiet għall-għajnuna

Artikolu 25

Sottomissjoni tal-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet għall-għajnuna għal sena kalendarja għandhom jiġu sottomessi lill-uffiċċju maħtur mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru skont il-kampjuni ppreparati minn tal-aħħar u fil-perjodu stabbiliti. Dawk il-perjodi għandhom jiġu ffissati sabiex jippermettu żmien għall-verifiki fuq il-post neċessarju u m'għandhomx jissuperaw it-28 ta' Frar tas-sena kalendarja ta' wara.

Artikolu 26

Korrezzjoni ta' żbalji evidenti

L-applikazzjoni għall-għajnuna tista' tiġi korretta f'kwalunkwe żmien wara s-sottomissjoni tagħha fejn jiġi rikonoxxut żball evidenti mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 27

Sottomissjoni tard tal-applikazzjonijiet

Minbarra f'każijiet ta' forza maġġuri u f'ċirkustanzi eċċezzjonali, is-sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-għajnuna wara l-limitu taż-żmien stabbilit skont l-Artikolu 25 għandha twassal għal riduzzjoni ta' 1 % għal kull ġurnata tax-xogħol tal-ammonti li kieku l-koltivatur kien ikun intitolat għalihom kieku l-applikazzjoni għall-għajnuna kienet ġiet depożitata fil-limiti taż-żmien. Jekk id-dewmien jammonta għal aktar minn 25 ġurnata kalendarja, l-applikazzjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala inammissibbli.

Artikolu 28

Rtirar tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna

1. Applikazzjoni għall-għajnuna tista' tiġi rtirata kompletament jew parzjalment fi kwalunkwe żmien.

Madankollu, fejn l-awtorità kompetenti diġà informat lill-koltivatur dwar xi irregolaritajiet fl-applikazzjoni għall-għajnuna jew innotifikat lill-koltivatur twar l-intenzjoni tagħha li tagħmel verifika fuq il-post u l-verifika tirrivela xi irregolaritajiet, l-irtirar m'għandux jiġi awtorizzat fir-rigward tal-partijiet tal-applikazzjoni għall-għajnuna effettwati minn dawk l-irregolaritajiet.

2. Rtirar taħt il-paragrafu 1 għandu jirritorna lill-pretendent fis-sitwazzjoni ta' qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna jew parti tal-applikazzjoni għall-għajnuna konċernata.

▼C1

Artikolu 29

Pagamenti tal-għajnuna

Wara li l-applikazzjonijiet għall-għajnuna u d-dokumenti relatati rilevanti jiġu verifikati, u l-kalkulazzjoni tal-ammonti li għandhom jingħataw taħt il-programmi ta' appoġġ tal-Komunità stipulati fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 247/2006, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iħalsu l-għajnuna għal sena kalendarja kif ġej:

▼M2

— fil-każ ta' l-arranġamenti speċifiċi tal-provvista, tal-miżuri ta' l-importazzjoni u l-provvista ta' annimali ħajjin u tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 50, tul is-sena,

▼C1

— fil-każ ta' pagamenti diretti, skont l-Artikolu 28 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 ([1]),

— fil-każ ta' pagamenti oħra, matul il-perjodu li jibda fis-16 ta' Ottubru tas-sena kurrenti u jispiċċa fit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

KAPITOLU III

Verifiki

Artikolu 30

Prinċipji ġenerali

Il-verifikazzjoni għandha tkun permezz ta' verifiki amministrattivi u fuq il-post.

Il-verifiki amministrattivi għandhom ikunu eżawrjenti u għandhom jinkludu kontroverifiki ma', fost affarijiet oħrajn, dejta mis-sistema tal-amministrazzjoni u tal-kontroll integrata stipulata fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

Fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju skont l-Artikolu 32(1) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu verifiki fuq il-post permezz tat-teħid ta' kampjun ta' mill-anqas 5 % tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna. Il-kampjun għandhu jirrapreżenta wkoll mill-anqas 5 % tal-ammont kopert mill-għajnuna.

Fil-każijiet xierqa kollha, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mis-sistema tal-amministrazzjoni u tal-kontroll integrata.

Artikolu 31

Verifiki fuq il-post

1. Il-verifiki fuq il-post mhux se jiġu notifikati minn qabel. Madankollu, sakemm l-iskop tal-verifika ma jiġix kompromess, tista' tingħata notifika minn qabel limitata għall-minimu neċessarju. Din in-notifika m'għandhiex teċċedi l-48 siegħa, minbarra f'każijiet ġustifikati.

2. Fejn applikabbli, il-verifiki fuq il-post stipulati f'dan il-Kapitolu għandhom isiru flimkien ma' kwalunkwe verifiki oħra stipulati mil-leġislazzjoni tal-Komunità.

3. L-applikazzjoni jew l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għandhom jiġu rifjutati jekk il-koltivaturi jew ir-rappreżentati tagħhom iwaqqfu verifika fuq il-post milli ssir.

([1]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1.

▼C1

Artikolu 32

Għażla tal-koltivaturi biex ikunu suġġetti għall-verifiki fuq il-post

1. Il-koltivaturi għandhom jintgħażlu għall-verifiki fuq il-post mill-awtorità kompetenti fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju u r-rappreżentanza tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna sottomessi. L-analiżi tar-riskju għandha tikkunsidra:

(a) l-ammont tal-għajnuna;

(b) in-numru ta' pakketti agrikoli, l-erja tal-wiċċ u n-numru ta' annimali koperti mill-applikazzjoni għall-għajnuna, jew il-kwantità prodotta, trasportata, proċessata jew kummerċjata;

(c) bidliet mis-sena preċedenti;

(d) is-sejbiet tal-verifiki li jkunu saru fis-snin preċedenti;

(e) parametri oħra li jridu jiġu definiti mill-Istati Membri.

Sabiex jiġi provdtu l-element tar-rappreżentanza, l-Istati Membri għandhom jagħżlu arbitrarjament bejn 20 u 25 % tan-numru massimu ta' koltivaturi suġġetti għall-verifiki fuq il-post.

2. L-awtorità kompetenti għandha żżomm reġistri tar-raġunijiet għalfejn il-koltivaturi speċifiċi ntgħażlu għall-verifiki fuq il-post. L-ispettur li jagħmel il-verifika fuq il-post għandu jiġi infurmat dwar dawk ir-raġunijiet qabel il-bidu tal-verifika.

Artikolu 33

Rapport tal-ispezzjoni

1. Kull verifika fuq il-post għandha tkun suġġetta għal rapport tal-ispezzjoni li jagħti d-dettalji tal-verifiki li jkunu saru. Ir-rapport għandu jindika b'mod partikolari:

(a) l-iskemi u l-applikazzjonijiet tal-għajnuna verifikati;

(b) il-persuni li kienu preżenti;

(c) il- pakkettiagrikoli verifikati, l-pakketti agrikoli mkejla, ir-riżultati tal-kejl kull pakkett ta' art imkejjel u l-metodi tal-kelj użati;

(d) in-numru u t-tip ta' annimali li jinsabu u, fejn applikabbli, in-numru tat-tikketta tal-widna, l-entraturi fir-reġistru u fid-dejtabejż informatika għall-annimali bovini u kwalunkwe dokumenti relatati verifikati, ir-riżultati tal-verifiki u, fejn applikabbli, osservazzjonijiet partikolari fir-rigward ta' annimali individwali jew il-kodiċi ta' identifikazzjoni tagħhom;

(e) il-kwantitajiet prodotti, trasportati, ipproċessati jew kummerċjati li huma koperti mill-verifika;

(f) jekk ingħatatx notifika minn qabel lill-koltivaturi tal-viżta u, jekk iva, b'kemm żmien;

(g) kwalunkwe miżuri tal-kontroll oħra li saru.

2. Il-koltivaturi jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jingħataw l-opportunità li jiffirmaw ir-rapport biex jattestaw il-preżenza tagħhom matul il-verifika u biex iżidu l-osservazzjonijiet tagħhom. Fejn jinstabu xi irregolaritajiet il-koltivatur għandu jirċievi kopja tar-rapport tal-ispezzjoni.

▼C1

Fejn issir verifika fuq il-post bit-telerilevament, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jagħtux lill-koltivaturi jew lir-rappreżentanti tagħhom l-opportunità li jiffirmaw ir-rapport tal-ispezzjoni jekk l-ebda irregolaritajiet ma jinstabu matul il-verifika bit-telerilevament.

KAPITOLU IV

Riduzzjonijiet u esklużjonijiet, u pagament mhux dovuti

Artikolu 34

Riduzzjonijiet u esklużjonijiet

Fil-każ ta' diskrepanza bejn l-informazzjoni ddikjarata fil-kuntest tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna u s-sejbiet tal-ispezzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu III, l-Istat Membru għandu japplika riduzzjonijiet u esklużjonijiet fuq l-għajnuna. Dawn ir-riduzzjonijiet u l-esklużjonijeiet għandhom ikunu effettivi u proporzjonali u għandhom jagixxu ta' deterrent.

Artikolu 35

Eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni tar-riduzzjonijiet u l-esklużjonijiet

1. Ir-riduzzjonijiet u l-esklużjonijiet stipulati fl-Artikolu 34 m'għandhomx japplikaw fejn il-benefiċjarju ssottometta informazzjoni korretta fattwali jew jista' juri b'mod ieħor li hu jew hi m'għandux tort.

2. Ir-riduzzjonijiet u l-esklużjonijiet m'għandhomx japplikaw fir-rigward ta' dawk il-partijiet tal-applikazzjoni għall-għajnuna li l-benefiċjarju jinforma bil-mitkub lill-awtorità kompetenti li huma inkorretti jew li saru inkoretti minn meta ġiet depożitata, sakemm l-awtorità kompetenti ma informatx diġà lill-benefiċjarju dwar l-intenzjoni tagħha li tagħmel verifika fuq il-post jew dwar kwalunkwe irregolarità fl-applikazzjoni.

Fuq il-bażi tal-informazzjoni mogħtija mill-benefiċjarju kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-appikazzjoni għall-għajnuna għandha tiġi korretta biex tirrifletti s-sitwazzjoni reali.

Artikolu 36

Rkupru ta' pagamenti mhux dovuti u penali

1. Fil-każ ta' pagament mhux dovut, l-Artikolu 73 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004 ([1]) għandu jappika *mutatis mutandis*.

2. Fejn sar pagament mhux dovut bħala riżultat ta' dikjarazzjoni falza, dokumenti foloz jew negliġenza serja fuq il-parti tal-benefiċjarju, għandha tiġi imposta penali ugwali għall-ammont imħallas mhux dovut, bl-interess ikkalkulat skont l-Artikolu 73(3) tar-Regolament (KE) Nru 796/2004.

([1]) ĠU L 141, 30.4.2004, p. 18.

▼C1

Artikolu 37

Forza maġġuri u ċirkustanzi eċċezzjonali

Il-każijiet ta' forza maġġuri jew ta' ċirkustanzi eċċezzjonali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 40(4) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandhom jiġu notifikati lill-awtorità skont l-Artikolu 72 tar-Regolament (KE) Nru 796/2004.

TITOLU IV

MIŻURI TA' AKKUMPANJAMENT

KAPITOLU I

Simbolu grafiku

Artikolu 38

Użu tas-simbolu grafiku

1. Is-simbolu grafiku stipulat fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 247/2006 għandu jiġi użat bil-għan li jiżdiedu l-konoxxenza u l-konsum tal-prodotti agrikoli pproċessati jew mhux ipproċessati speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fuq l-inizjattiva tal-organizzazzjonijiet tal-kummerċ li jirrappreżentaw lill-operaturi fir-reġjuni msemmija.

Is-simbolu grafiku għandu jikkonsisti mis-simbolu li jidher fl-Anness VII għal dan ir-Regolament.

2. Ir-rekwiżiti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandhom jikkonċernaw l-istandards tal-kwalità jew il-konformità mat-tekniki tal-koltivazzjoni, tal-produzzjoni jew tal-manifattura, u l-istandards tal-preżentazzjoni u tal-ippakkjar.

Dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu definiti b'referenza għar-regoli tal-Komunità jew, fl-assenza ta' dawn ir-regoli, għall-istandards internazzjonali jew, fejn neċessarju, għandhom jiġu addottatti speċifikament fir-rigward tal-prodotti mir-reġjuni ultraperiferiċi fuq proposta mill-organizzazzjonijiet tal-kummerċ rappreżentattivi.

Artikolu 39

Dritt għall-użu tas-simbolu grafiku

1. Id-dritt għall-użu tas-simbolu grafiku għandu jingħata mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri tal-produzzjoni, jew minn korp awtorizzat minnhom għal dan il-għan, fir-rigward ta' kull prodott li għalih ġew addottati r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 38, skont it-tip ta' prodott, lill-operaturi f'waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(a) produtturi individwali jew organizzazzjonijiet jew gruppi ta' produtturi;

(b) kummerċjanti li jippakkjaw il-prodott bl-għan li jikkummerċjawh;

(c) il-manifatturi tal-prodotti proċessati li huma stabbiliti fit-territorju tar-reġjuni ultraperiferiċi tagħhom.

▼C1

2. Id-dritt stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jiġi konferit permezz tal-għoti ta' approvazzjoni għal sena jew aktar tal-kummerċjalizzazzjoni.

Artikolu 40

Approvazzjoni

1. L-approvazzjoni stipulata fl-Artikolu 39(2) għandha tingħata, fuq talba, lill-operaturi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu li, jekk hemm bżonn, għandhom l-impjant jew it-tagħmir tekniku meħtieġa biex jipproduċu jew jimmanifatturaw il-prodott konċernat, konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 38, u li jimpenjaw ruħhom:

(a) kif rilevanti, biex jipproduċu, jippakkjaw jew jimmanifatturaw prodotti li jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti;

(b) li jżommu l-kontijiet li jippermettu l-monitoraġġ, b'mod partikolari, tal-produzzjoni, l-ippakkjar jew il-manifattura tal-prodott li huwa eliġibbli għas-simbolu grafiku,

(c) li jikkonformaw mal-kontrolli u l-verifiki kollha mitluba mill-awtoritajiet kompetenti.

2. L-approvazzjoni tista' tiġi rtirata fejn l-awtorità kompetenti tista-bbilixxi li l-operatur approvat naqas milli jissodisfa r-rekwiżiti relatati mal-prodott jew obbligu li jqum mill-impenni stipulati fil-paragrafu 1. L-irtirar tal-approvazzjoni għandu jkun temporanju jew permanenti skont is-serjetà tan-nuqqas stabbilit.

Artikolu 41

Verifika tal-kondizzjonijiet għall-użu tas-simbolu grafiku

L-awtoritajiet kompetenti għandhom regolarment jivverifikaw li l-operaturi approvati jissodisfaw il-kondizzjonijiet għall-użu tas-simbolu grafiku u l-impenni stipulati fl-Artikolu 40.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddelegaw l-eżekuzzjoni ta' dawk il-verifiki lil korpi kwalifikati li għandhom il-kompetenza teknika meħtieġa u li huma imparzjali. F'każijiet bħal dawn, il-korpi għandhom jirrapportaw regolarment lilhom dwar l-eżekuzzjoni tal-ispezzjonijiet tagħhom.

Artikolu 42

Miżuri nazzjonali

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaddottaw kwalunkwe miżuri amministrattivi addizzjonali neċessarji għall-ġestjoni tal-iskema tas-simbolu grafiku. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, l-impożizzjoni fuq l-operaturi approvati ta' miżata li tkopri l-istampar tas-simbolu grafiku, u l-ispejjeż amministrattivi u tal-ispezzjoni.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih tas-servizzi jew, kif xieraq, lill-korpi responsabbli għall-għoti tal-approvazzjoni stipulata fl-Artikolu 39(2) u biex isiru l-ispezzjonijiet meħtieġa taħt dan il-Kapitolu. Mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandhom jinnottifikaw ukoll, qabel ma jaddottawhom, l-abbozz tal-miżuri addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

▼C1

Artikolu 43

Użu ħażin ta' u pubblikità għas-simbolu grafiku

L-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali eżistenti rilevanti biex jipprevjenu u, fejn neċessarju, jippenalizzaw il-każijiet ta' użu ħażin tas-simbolu grafiku jew jaddottaw il-miżuri meħtieġa għan dan l-għan. Għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni tal-miżuri applikabbli fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-pubblikità xierqa għas-simbolu grafiku u għall-prodotti li jista' jintuża għalihom.

Artikolu 44

Kondizzjonjiet għar-riproduzzjoni u l-użu

Is-simbolu grafiku għandu jiġi riprodott u użat b'konformità mar-regoli tekniċi stabbiliti fl-Anness VII.

KAPITOLU II

Importazzjoni tat-tabakk mill-Gżejjer Kanari

Artikolu 45

Eżenzjoni tat-tabakk mid-dazju doganali

1. Il-perjodu annwali għall-kalkulazzjoni tal-kwantità annwali massima msemmija fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 247/2006 għandu jkun mill-1 ta' Jannar ta' kull sena sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena.

2. Għall-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 247/2006, "manifattura lokali tal-prodotti tat-tabakk" tfisser kull operazzjoni li ssir fil-Gżejjer Kanari għall-ipproċessar tal-prodotti elenkati fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament f'prodotti manifatturati lesti għat-tipjip.

3. Il-kwantitajiet ta' tabakk mhux immanifatturat u semimanifatturat imsemmija fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament (KE) Nru 247/2006 għandhom jiġu konvertiti fi kwantitajiet ta' tabakk mhux maħdum/-mingħajr zokk fuq il-bażi tal-koeffiċjenti tal-ekwivalenza mogħtija fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 46

Kondizzjonijiet għall-eżenzjoni

1. L-importazzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness VIII għal dan għandhom jkunu suġġetti għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' eżenzjoni. Il-kaxxa 20 tal-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikati u ċ-ċertifikati stess għandu jkun fihom waħda mill-entraturi elenkati fl-Anness I(J).

Minbarra fejn huwa stipulat mod ieħor f'dan ir-Regolament, l-Artikoli 2, 5, 9 sa 13, 15, 19 u 20 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

▼C1

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jassiguraw li l-prodotti msemmija fl-Anness VIII għal dan ir-Regolament jintużaw b'konformità mar-regoli tal-Komunità rilevanti, u b'mod partikolari l-Artikoli 291 sa 300 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

▼M3

KAPITOLU III

Prodotti li ġejjin mill-annimali

▼M4

_____

▼M3

Artikolu 46 b

Trobbija tal-bhejjem

1. L-importazzjoni tal-bhejjem bovini maskili żgħar li ġejjin minn pajjiżi terzi, taħt il-kodiċi tan-NM 0102 90 05, 0102 90 29 jew 0102 90 49 u maħsuba għat-tismin fid-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej u fil-Madejra ma għandhiex tkun suġġetta għad-dazji doganali sakemm il-bhejjem bovini maskili żgħar u lokali jilħqu livell suffiċjenti biex jiġu żgurati ż-żamma u l-iżvilupp tal-produzzjoni lokali tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella.

2. L-eżenzjoni mid-dazji doganali tal-importazzjoni prevista fl-ewwel paragrafu għandha tapplika bil-kundizzjoni li l-bhejjem importati jisemmnu għal perjodu ta' mill-inqas 120 jum fir-reġjun l-iktar imbiegħed li jkun ħareġ il-liċenzja tal-importazzjoni.

3. Il-benefiċċju għall-eżenzjoni mid-dazji tal-importazzjoni hu suġġett għal:

(a) dikjarazzjoni bil-miktub mill-importatur jew mill-applikant, fil-ħin tal-wasla tal-bhejjem fid-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej jew fil-Madejra, li l-bhejjem bovini huma maħsuba għat-tismin għal perjodu ta' 120 ġurnata mill-jum tal-wasla effettiva tagħhom u għall-konsum sussegwenti;

(b) impenn bil-miktub tal-importatur jew tal-applikant, fil-ħin tal-wasla tal-bhejjem, li jindika lill-awtoritajiet kompetenti, fi żmien xahar wara l-jum ta' wasla tal-bhejjem bovini, l-azjenda jew l-azjendi fejn il-bhejjem bovini għandhom jissemmnu;

(ċ) preżentazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' garanzija għall-ammont kif stipulat għal kull kodiċi tan-NM eliġibbli fl-Anness VIII(a) ta' dan ir-Regolament. It-tismin tal-annimali importati fid-dipartimenti Franċiżi extra-Ewropej u fil-Madejra għal tul ta' żmien minimu ta' mill-inqas 120 jum mid-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tad-dwana għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, huwa rekwiżit primarju fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 ([1]).

([1]) ĠU L 205, 3.8.1985, p. 5.

▼M3

4. Minbarra f'każijiet ta' forza maġġuri, il-garanzija msemmija fil-paragrafu 3(c) għandha tiġi rilaxxata biss jekk tingħata prova lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li l-bhejjem bovini żgħar:

(a) issemmnu fl-impriża/i indikata/i skont il-paragrafu 3(b);

(b) ma nqatlux qabel ma skada l-perjodu ta' 120 jum mid-data tal-importazzjoni; jew

(ċ) inqatlu għal raġunijiet ta' saħħa jew mietu b'riżultat ta' mard jew inċident qabel ma jkun skada dan il-perjodu;

(d) Il-garanzija għandha tiġi rilaxxata minnufih wara li tkun ġiet fornuta din il-prova.

▼C1

TITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 47

Komunikazzjonijiet

1. ►M3 Fir-rigward tal-iskemi speċifiċi tal-provvista, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, sa mhux iktar tard mill-aħħar jum tax-xahar wara kull trimestru, id-dejta li ġejja, disponibbli f'dik id-data, li tirrigwarda x-xhur ta' qabel tas-sena kalendarja ta' referenza, maqsuma skont il-prodott u l-kodiċi tan-NM u, fejn jagħti l-każ, skont id-destinazzjoni partikulari. ◄

(a) il-kwantitajiet maqsumin skont jekk humiex importati minn pajjiżi terzi jew mibgħuta mill-Komunità;

(b) l-ammont ta' għajnuna u l-ispejjeż fil-fatt imħallsin skont il-prodott u, fejn applikabbli, id-destinazzjoni individwali;

(c) il-kwantitajiet li għalihom intużaw il-liċenzji u ċ-ċertifikati, maqsumin skont il-kategorija ta' liċenzja jew ċertifikat;

(d) il-kwantitajiet esportati mill-ġdid kollha jew mibgħuta mill-ġdid taħt l-Artikolu 16 u l-ammont ta' unitajiet u t-total ta' għajnuna rkuprata;

(e) il-kwantitajiet esportati mill-ġdid kollha jew mibgħuta mill-ġdid wara l-ipproċessar skont l-Artikolu 18;

(f) trasferimenti f'kwantità totali għal kategorija ta' prodotti u emendi fil-bilanċi mbassra tal-provvista matul il-perjodu;

(g) il-bilanċ disponibbli u r-rata ta' użu.

▼M3

Id-dejta prevista fl-ewwel subparagrafu hija fornuta abbażi tal-liċenzji użati. Tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni elettronikament permezz tal-format li jingħata fl-Anness VIIIb. Jekk id-dejta kkomunikata fl-aħħar jum ta' Jannar għas-sena kalendarja ta' qabel tkun biss proviżorja, għandha tinbidel bid-dejta finali f'komunikazzjoni sussegwenti li l-awtoritajiet kompetenti jibagħtu lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu ta' wara.

▼C1

2. Fir-rigward tas-sostenn għall-produzzjoni lokali, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni:

(a) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu ta' kull sena, dwar l-applikazzjonijiet għall-għajnuna rċevuti u l-ammonti involuti għas-sena kalendarja preċedenti;

(b) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju ta' kull sena, dwar l-applikazzjonijiet għall-għajnuna li żgur huma eliġibbli u l-ammonti involuti għas-sena kalendarja preċedenti.

▼M5

3. Il-komunikazzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 ([1]).

▼C1

Artikolu 48

Rapport

1. Ir-rapport stipulat fl-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 247/-2006 għandu jkun fih fost affarijiet oħrajn;

(a) kull bidla fl-ambjent soċjoekonomiku u agrikolu;

(b) sommarju tad-dejta fiżika u finanzjarja disponibbli fuq l-implimentazzjoni ta' kull miżura, wara analiżi tad-dejta u, fejn neċessarju, preżentazzjoni u analiżi tas-setturi li miegħu l-miżura hija marbuta;

(c) il-progress tal-miżuri u l-prijoritajiet relatati mal-għanijiet speċifiċi u ġenerali fid-data tal-preżentazzjoni tar-rapport, bl-użu ta' indikaturi kwantifikati;

(d) deskrizzjoni qasira tal-problemi kbar kollha li ltaqgħu magħhom fil-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri;

(e) eżaminazzjoni tar-riżultati tal-miżuri kollha, b'kunsiderazzjoni għall-konnessjonijiet reċiproċi tagħhom;

(f) għall-arranġamenti speċifiċi tal-provvista:

— id-dejta u analiżi relatati mat-tendenzi tal-prezzijiet u l-mod li fih ġie mgħoddi l-vantaġġ, kif ukoll il-miżuri meħuda u l-verifiki li saru sabiex jiġi assigurat li dan ġie mgħoddi,

— b'kunsiderazzjoni għall-għajnuna oħra disponibbli, analiżi tal-proporzjonalità tal-għajnuna relatata mal-ispejjeż addizzjonali tat-trasport lejn ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-prezzijiet applikati fuq l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi u, fil-każ ta' prodotti intiżi għall-ipproċessar u l-inputs agrikoli, l-ispejjeż addizzjonali tal-insularità u l-lokazzjoni distanti;

(g) indikazzjoni, ibbażata fuq indikaturi objettivi, ta' safejn ikunu nkisbu l-għanijiet mogħtija lil kull miżura fil-programm;

(h) id-dejta fuq il-bilanċ tal-provvista annwali tar-reġjun konċernat fit-termini ta', fost affarijiet oħrajn, il-konsum, l-iżvilupp tan-numru tal-bhejjem, il-produzzjoni u l-kummerċ;

(i) id-dejta fuq l-ammonti fil-fatt mogħtija għall-implimentazzjoni tal-miżuri tal-programmi fuq il-bażi tal-kriterji definiti mill-Istati Membri, bħan-numru ta' produtturi eliġibbli, in-numru ta' annimali koperti mill-pagament, iż-żona eliġibbli jew in-numru ta' intrapriżi konċernati;

([1]) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3.

▼C1

(j) informazzjoni dwar l-implimentazzjoni finanzjarja ta' kull miżura taħt il-programm;

(k) statistiċi fuq il-verifiki li jsiru mill-awtoritajiet kompetenti u l-penali kollha applikati;

(l) il-kummenti tal-Istat Membru konċernat fuq l-implimentazzjoni tal-programm.

2. Għall-2006 ir-rapport għandu jkun fih valutazzoni tal-impatt, fuq l-industrija tal-bhejjem u l-ekonomija agrikola fir-reġjun konċernat, tal-programm ta' għajnuna għal attivitajiet tradizzjonali relatati mal-produzzjoni taċ-ċanga u tal-vitella, il-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż.

▼M5

3. Il-komunikazzjonijiet u r-rapporti msemmija fl-Artikolu 28(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 247/2006 għandhom isiru u jiġu sottomessi skont ir-Regolament (KE) Nru 792/2009.

▼M3

Artikolu 49

Emendi tal-programmi

1. L-emendi tal-programmi ġenerali approvati skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (KE) Nru 247/2006 għandhom jitressqu lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni u jkunu sostanzjati kif xieraq, partikolarment billi jippreċiżaw:

(a) ir-raġunijiet u kull problema ta' implimentazzjoni li jiġġustifikaw l-emendar tal-programm ġenerali;

(b) l-effetti mistennija tal-emenda;

(ċ) il-konsegwenzi tal-finanzjament u l-kontroll tal-impenji.

Għajr fil-każ ta' forza maġġuri jew ta' ċirkustanzi eċċezzjonali, l-Istati membri għandhom iressqu t-talbiet għall-emendar tal-programmi darba biss għal kull sena kalendarja u għal kull programm. Dawn it-talbiet għall-emendar jeħtiġilhom jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu ta' kull sena.

Jekk il-Kummissjoni ma tqajjem l-ebda oġġezzjoni għall-emendi mitluba, dawk l-emendi għandhom jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena wara dik li fiha ġew innotifikati.

Dawn l-emendi jistgħu jidħlu fis-seħħ qabel jekk il-Kummissjoni tgħarraf bil-miktub lill-Istat Membru qabel id-data msemmija fit-tielet subparagrafu li l-emendi nnotifikati jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

Jekk l-emenda nnotifikata ma tikkonformax mal-leġiżlazzjoni Komunitarja, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru b'dan u l-emenda ma għandhiex tapplika sakemm il-Kummissjoni ma tirċevix emenda li tista' tiġi ddikjarata bħala konformi.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, għall-emendi li ġejjin, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-proposti tal-Istati Membri u tiddeċiedi jekk hux se tapprovahom sa mhux aktar tard minn erba' xhur mit-tressiq tagħhom skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (KE) Nru 247/2006:

(a) l-introduzzjoni ta' miżuri, azzjonijiet, prodotti jew skemi ta' għajnuna ġodda fil-programm ġenerali, u

(b) iż-żieda tal-livell bażiku ta' appoġġ diġà approvat għal kull miżura, azzjoni, prodotti jew skema ta' għajnuna eżistenti b'aktar minn 50 % tal-ammont applikabbli fiż-żmien ta' meta titressaq it-talba għall-emenda.

▼M3

L-emendi hekk approvati japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena wara dik li fiha tkun saret it-talba għall-emenda.

3. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-emendi li ġejjin, mingħajr rikors għall-proċedura stipulata fil-paragrafu 1, dejjem sakemm l-emendi jkunu notifikati lill-Kummissjoni:

(a) fil-każ ta' previżjonijiet ta' bilanċi tal-provvista, il-bidliet fil-livell individwali tal-għajnuna sa 20 % jew il-bidliet fil-kwantitajiet tal-prodotti kkonċernati koperti mill-arranġamenti tal-provvista u, konsegwentement, l-ammont globali ta' għajnuna allokat biex jgħin kull linja ta' prodotti;

(b) fir-rigward tal-programmi Komunitarji ta' appoġġ għall-produzzjoni lokali, l-emendar, sa limitu ta' 20 %, tal-allokazzjoni finanzjarja maħsuba għal kull miżura; u

(ċ) l-emendi li jsegwu emendi tal-kodiċijiet u d-deżinjazzjonijiet stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([1]) u li jservu biex jidentifikaw il-prodotti li jibbenefikaw minn għajnuna, dejjem sakemm dawn l-emendi ma jinvolvux bidla tal-prodotti nfushom.

L-emendi msemmija fl-ewwel subparagrafu ma għandhomx jidħlu fis-seħħ qabel id-data li fiha jaslu għand il-Kummissjoni. Jeħtieġ li jkunu spjegati u ġustifikati kif suppost, u ma jistgħux ikunu implimentati ħlief darba kull sena, għajr fil-każijiet li ġejjin:

(a) forza maġġuri jew ċirkustanzi eċċezzjonali,

(b) emendi tal-kwantitajiet ta' prodotti eliġibbli għall-iskema ta' provvista,

(ċ) emenda tan-nomenklatura statistika u l-kodiċijiet tat-tariffa doganali komuni f'konformità mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87,

(d) trasferimenti baġitarji fi ħdan il-miżuri ta' appoġġ għall-produzzjoni. Dawn l-aħħar emendi, madankollu, jeħtiġilhom ikunu notifikati sa mhux aktar tard mit-30 ta' April tas-sena wara dik kalendarja li għaliha tirreferi l-allokazzjoni finanzjarja emendata.

▼M2

Artikolu 50

Iffinanzjar ta' studji, proġetti ta' dimostrazzjoni, taħriġ jew miżuri ta' għajnuna teknika

L-ammont meħtieġ għall-iffinanzjar ta' studji, proġetti ta' dimostrazzjoni, taħriġ u assistenza teknika pprovduti fi programm approvat skond l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (KE) Nru 247/2006 għall-iskop ta' l-implimentazzjoni ta' dak il-programm ma jistgħux jaqbżu l-1 % ta' l-ammont totali ta' iffinanzjar allokat lil kull programm skond l-Artikolu 23(2) ta' dak ir-Regolament.

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

▼C1

Artikolu 51

Miżuri nazzjonali addizzjonali

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri addizzjonali kollha meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 52

Riduzzjoni tal-ħlas bil-quddiem

Mingħajr preġudizzjoni għar-regoli ġenerali fuq id-dixxiplina finanzjarja, fejn l-informazzjoni trażmessa mill-Istati Membri lill-Kummissjoni taħt l-Artikoli 47 u 48 mhijiex kompluta jew f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-limitu taż-żmien għat-trażmizzjoni ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni tista' tnaqqas il-ħlasijiet bil-quddiem fil-kontijiet tal-ispejjeż agrikoli fuq bażi temporanja u ta' rata fissa.

▼M1

Artikolu 52a

Miżuri tranżitorji

1. Il-miżuri adottati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1452/2001, ir-Regolament (KE) Nru 1453/2001 u r-Regolament (KE) Nru 1454/2002 u li huma validi sa wara l-31 ta' Diċembru 2005 jibqgħu japplikaw sad-data tan-notifika mill-Kummissjoni għall-Istat Membru konċernat mill-approvazzjoni tal-programm ġenerali stabbilit fl-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 247/2006.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw għat-talbiet magħmula fil-qafas tal-miżuri adottati għall-implimentazzjoni, għas-sena 2006, tar-Regolament (KE) Nru 1452/2001, ir-Regolament (KE) Nru 1453/2001 u r-Regolament (KE) Nru 1454/2001, li huma pendenti fid-data tan-notifika stabbilita fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, jew li jsiru wara din id-data.

▼C1

Artikolu 53

Revoka

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 388/92, (KEE) Nru 2174/92, (KEE) Nru 2233/92, (KEE) Nru 2234/92, (KEE) Nru 2235/92, (KEE) Nru 2039/93, (KEE) Nru 2040/93, (KE) Nru 1418/96, (KE) Nru 2054/-96, (KE) Nru 20/2002, (KE) Nru 1195/2002, (KE) Nru 43/2003, (KE) Nru 995/2003, (KE) Nru 14/2004 u (KE) Nru 188/2005 huma hawnhekk revokati.

Referenzi għar-Regolamenti revokati għandhom jiġu mifhuma bħala referenza għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw flimkien mat-tabella tal-korrelazzjoni fl-Anness IX.

Artikolu 54

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika għal kull Stat Membru konċernat mid-data li fiha l-Kummissjoni tinnotifika l-approvazzjoni tagħha tal-programm tal-Istat Membru rilevanti, skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (KE) Nru 247/-2006.

Dan ir-Regolamenti għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼C1

ANNEX I

PARTI A

Entraturi msemmija fl-Artikolu 4(3):

— *bl-Ispanjol*, waħda mill-entraturi li ġejjin:

  — “Productos destinados al consumo directo”

  — “Productos destinados a la industria de transformación o acondicionamiento”

  — “Productos destinados a ser utilizados como insumos agrarios”

  — “Animales importados de la especie bovina, destinados al engorde”

— *biċ-Ċek*, waħda mill-entraturi li ġejjin:

  — “produkty pro přímou spotřebu”

  — “produkty pro zpracovatelský a/nebo balicí průmysl”

  — “produkty určené pro použití jako zemědělské vstupy”

  — “dovezený skot pro výkrm”

— *bid-Daniż*, waħda mill-entraturi li ġejjin:

  — “produkter til direkte konsum”

  — “produkter til forarbejdnings- og/eller emballeringsindustrien”

  — “produkter, der skal anvendes som rå- og hjælpestoffer”

  — “importeret kvæg til opfedning”

— *bil-Ġermaniż*, waħda mill-entraturi li ġejjin:

  — “Erzeugnisse für den direkten Verbrauch”

  — “Erzeugnisse für die Verarbeitungs- bzw. Verpackungsindustrie”

  — “zur Verwendung als landwirtschaftliche Betriebsstoffe bestimmte Erzeugnisse”

  — “zur Mast eingeführte Rinder”

— *bl-Estonjan*, waħda mill-entraturi li ġejjin:

  — “otsetarbimiseks ettenähtud tooted”

  — “tooted töötlevale ja/või pakenditööstusele”

  — “põllumajanduslikuks tooraineks ettenähtud tooted”

  — “imporditud nuumveised”

— *bil-Grieg*, waħda mill-entraturi li ġejjin:

  — “προϊόντα που προορίζονται για άμεση κατανάλωση”

  — “προϊόντα που προορίζονται για τις βιομηχανίες μεταποίησης ή/και συσκευασίας”

  — “προϊόντα που προορίζονται για χρήση ως γεωργικές εισροές”

  — “εισαγόμενα βοοειδή προς πάχυνση”

— *bl-Ingliż*, waħda mill-entraturi li ġejjin:

  — “products for direct consumption”

  — “products for the processing and/or packaging industry”

  — “products intended for use as agricultural inputs”

  — “bovine animals imported for fattening”

▼C1

— *bil-Franċiż*, waħda mill-entraturi li ġejjin:

— “produits destinés à la consommation directe”

— “produits destinés aux industries de transformation et/ou de conditionnement”

— “produits destinés à être utilisés comme intrants agricoles”

— “animaux bovins pour l'engraissement importés”

— *bit-Taljan*, waħda mill-entraturi li ġejjin:

— “prodotti destinati al consumo diretto”

— “prodotti destinati alle industrie di trasformazione e/o di condizionamento”

— “prodotti destinati ad essere utilizzati come fattori di produzione agricoli”

— “bovini destinati all'ingrasso importati”

— *bil-Latvjan*, waħda mill-entraturi li ġejjin:

— “tiešam patēriņam paredzēti produkti”

— “produkti, kas paredzēti pārstrādei un/vai iesaiņošanai”

— “produkti, kas ir lauksaimniecībā izmantojamās vielas”

— “ievesti liellopi nobarošanai”

— *bil-Litwan*, waħda mill-entraturi li ġejjin:

— “tiesiogiai vartoti skirti produktai”

— “perdirbimo ir/arba pakavimo pramonei skirti produktai”

— “produktai, skirti naudoti kaip žemės ūkio ištekliai”

— “importuojami galvijai, skirti penėjimui”

— *bl-Ungeriż*, waħda mill-entraturi li ġejji:

— “közvetlen fogyasztásra szánt termékek”

— “a feldolgozó- és/vagy a csomagolóipar számára szánt termékek”

— “mezőgazdasági inputanyagként felhasználandó termékek”

— “importált, hízlalásra szánt szarvasmarhafélék”

— *bil-Malti*, waħda mill-entraturi li ġejjin:

— “prodotti maħsuba għall-konsum dirett”

— “prodotti maħsuba għall-industriji tat-trasformazzjoni u/jew tal-imballaġġ”

— “prodotti maħsuba għall-użu agrikolu”

— “bhejjem tal-ifrat għat-tismin importati”

— *bl-Olandiż*, waħda mill-entraturi li ġejji:

— “producten voor rechtstreekse consumptie”

— “producten voor de verwerkende industrie en/of de verpakkingsindustrie”

— “producten voor gebruik als landbouwproductiemiddel”

— “ingevoerde mestrunderen”

— *bil-Polakk*, waħda mill-entraturi li ġejjin:

— “produkty przeznaczone do bezpośredniego spożycia”

— “produkty przeznaczone do przetworzenia i/lub opakowania”

— “produkty przeznaczone do użycia jako nakłady rolnicze”

— “bydło importowane przeznaczone do opasu”

▼C1

— *bil-Portugiż*, waħda mill-entraturi li ġejjin:

— “produtos destinados ao consumo directo”

— “produtos destinados às indústrias de transformação e/ou de acondicionamento”

— “produtos destinados a ser utilizados como factores de produção agrícola”

— “bovinos de engorda importados”

— *bis-Slovak*, waħda mill-entraturi li ġejjin:

— “výrobky určené na priamu spotrebu”

— “výrobky určené pre spracovateľský a/alebo baliarenský priemysel”

— “výrobky určené na použitie ako poľnohospodárske vstupy”

— “dovezený hovädzí dobytok určený na výkrm”

— *bis-Sloven*, waħda mill-entraturi li ġejjin:

— “proizvodi, namenjeni za neposredno prehrano”

— “proizvodi, namenjeni predelovalni in/ali pakirni industriji”

— “proizvodi, namenjeni za kmetijske vložke”

— “uvoženo govedo za pitanje”

— *bil-Finlandiż*, waħda mill-entraturi li ġejjin:

— “suoraan kulutukseen tarkoitettuja tuotteita”

— “jalostus- ja/tai pakkausteollisuuteen tarkoitettuja tuotteita”

— “maatalouden tuotantopanoksiksi tarkoitettuja tuotteita”

— “tuotuja lihotukseen tarkoitettuja nautoja”

— *bl-Iżvediż*, waħda mill-entraturi li ġejjin:

— “produkter avsedda för direkt konsumtion”

— “produkter avsedda för bearbetning eller förpackning”

— “produkter avsedda att användas som insatsvaror i jordbruket”

— “importerade nötkreatur, avsedda för gödning”.

PARTI B

Entraturi msemmija fl-Artikolu 4(3) u l-Artikolu 5(4):

— *bl-Ispanjol*: “Exención de los derechos de importación” y “Certificado destinado a ser utilizado en [nombre de la región ultraperiférica]”

— *biċ-Ċek*: “osvobození od dovozních cel” a “osvědčení pro použití v [název nejvzdálenějšího regionu]”

— *bid-Daniż*: “fritagelse for importtold” og “licensen skal anvendes i [fjernområdets navn]”

— *bil-Ġermaniż*: “Befreiung von den Einfuhrzöllen” und “zu verwenden in [Name der Region in äußerster Randlage]”

— *bl-Estonjan*: “imporditollimaksudest vabastatud” ja “[kus (äärepoolseima piirkonna nimi)] kasutamiseks ettenähtud litsents”.

— *bil-Grieg*: “απαλλαγή από τους εισαγωγικούς δασμούς” και “πιστοποιητικό προς χρήση στην [όνομα της ιδιαίτερα απομακρυσμένης περιφέρειας]”

— *bl-Ingliż*: “exemption from import duties” and “certificate to be used in [name of the outermost region]”

— *bil-Franċiż*: “exonération des droits à l'importation” et “certificat à utiliser dans [nom de la région ultrapériphérique]”

— *bit-Taljann*: “esenzione dai dazi all'importazione” e “titolo destinato a essere utilizzato in [nome della regione ultraperiferica]”

▼C1

— *bil-Latvjan*: “atbrīvojums no ievedmuitas nodokļa” un “sertifikāts jāizmanto [attālākā reģiona nosaukums]”

— *bil-Litwan*: “atleidimas nuo importo muitų” ir “sertifikatas, skirtas naudoti [atokiausio regiono pavadinimas]”

— *bl-Ungeriż*: “behozatali vám alóli mentesség” és “[a legkülső régió neve]-i felhasználásra szóló engedély”

— *bil-Malti*: “eżenzjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni” u “ċertifikat għall-użi fi [isem ir-reġjun ultraperiferiku]”

— *bl-Olandiż*: “vrijstelling van invoerrechten” en “in [naam van het ultraperifere gebied] te gebruiken certificaat”

